SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

19 ta' Marzu 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kontrolli fil-fruntieri, ażil u immigrazzjoni – Regolament (UE) 2016/399 – Artikolu 32 – Introduzzjoni mill-ġdid, b'mod temporanja, minn Stat Membru tal-kontrolli fil-fruntieri interni tiegħu – Dħul irregolari ta' ċittadin ta' pajjiż terz – Ekwiparazzjoni tal-fruntieri interni mal-fruntieri esterni – Direttiva 2008/115/KE – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 2(2)(a)"

Fil-Kawża C-444/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Lulju 2017, fil-proċedura

**Préfet des Pyrénées-Orientales**

vs

**Abdelaziz Arib,**

**Procureur de la République près le tribunal de grande instance de Montpellier,**

**Procureur général près la cour d'appel de Montpellier,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, R. Silva de Lapuerta, Viċi President, A. Prechal, E. Regan, T. von Danwitz, C. Toader u C. Lycourgos (Relatur), Presidenti ta' Awla, A. Rosas, E. Juhász, M. Ilešič, J. Malenovský, M. Safjan, D. Šváby, C. G. Fernlund u C. Vajda, imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Ġunju 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Préfet des Pyrénées-Orientales, minn F.-H. Briard u S. Bonichot, avukati,

– għall-Gvern Franċiż, minn E. de Moustier, E. Armoët u D. Colas, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn R. Kanitz, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Cattabriga u G. Wils, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta’ Ottubru 2018,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta’ persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen) (ĠU 2016, L 77, p. 1, iktar ’il quddiem il-“Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen”), kif ukoll tal-Artikolu 2(2)(a) u tal-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn, minn naħa, il-Préfet des Pyrénées-Orientales (il-Prefett tal-Pyrénées-Orientales, Franza) u, min-naħa l-oħra, Abdelaziz Arib, il-procureur de la République près le tribunal de grande instance de Montpellier (il-Prosekutur tar-Repubblika fi ħdan il-Qorti Reġjonali ta’ Montpellier, Franza) u l-procureur général près la cour d’appel de Montpellier (il-Prosekutur Ġenerali fi ħdan il-Qorti tal-Appell ta’ Montpellier, Franza) dwar l-estensjoni tad-detenzjoni amministrattiva ta’ A. Arib, li daħal illegalment fit-territorju Franċiż.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

#### *Il-KIFS*

3 Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen tal-14 ta’ Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta’ kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f’Schengen fid-19 ta’ Ġunju 1990 u li daħlet fis-seħħ fis-26 ta’ Marzu 1995 (ĠU Edizzjoni speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9, iktar ’il quddiem, il-“KIFS”), tagħmel parti mill-acquis ta’ Schengen.

4 L-Artikolu 26 tal-KIFS jistipula:

“1. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom, bla ħsara għall-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija tagħhom għall-Konvenzjoni ta’ Ġinevra li għandha x’taqsam ma’ l-Istatus ta’ Refuġjati tat-28 ta’ Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta’ New York tal-31 ta’ Jannar 1967, li jinkorporaw ir-regoli li ġejjin fil-liġi nazzjonali tagħhom:

a) Jekk aljeni ma jitħallewx jidħlu fit-territorju ta’ waħda mill-Partijiet Kontraenti, it-trasportatur li jkun ġabhom sal-fruntiera esterna bl-ajru, bil-baħar jew fuq l-art għandu jkun obbligat immedjatament li jerġa’ jassumi responsabbilità għalihom. Fuq talba ta’ l-awtoritajiet ta’ sorveljanza tal-fruntieri t-trasportatur huwa obbligat li jieħu lill-aljeni lura lejn l-Istat terz minn fejn ikunu trasportati, jew lejn l-Istat terz li jkun ħareġ id-dokument ta’ l-ivvjaġġar li bih ikunu ivvjaġġaw, jew lejn xi Stat terz ieħor fejn sejrin jitħallew jidħlu żgur;

b) It-trasportatur huwa obbligat li jieħu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jassigura li aljen li jinġarr bl-ajru jew bil-baħar ikollu fil-pussess tiegħu d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar meħtieġa sabiex jitħalla jidħol fit-territorji tal-Partijiet Kontraenti.

2. Il-Partijiet Kontraenti jimpenjaw ruħhom, bla ħsara għall-obbligi li jirriżultaw mill-isħubija tagħhom għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra li għandha x'taqsam ma' l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967, u b'mod konformi mal-liġi kostituzzjonali tagħhom, li jimponu penalitajiet fuq trasportaturi li jġorru aljeni li ma jkollhomx id-dokumenti meħtieġa għall-ivvjaġġar bl-ajru jew bil-baħar minn Stat Terz għat-territorji tagħhom.

3. Il-paragrafi 1(b) u 2 għandhom japplikaw ukoll għal trasportaturi internazzjonali li jitrasportaw gruppi fuq l-art permez ta' coach, bl-eċċezzjoni ta' traffiku ta' fuq il-fruntiera."

*Il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen*

5 Skont l-Artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) 'fruntieri interni' tfisser:
   a) il-fruntieri tal-art komuni, inklużi l-fruntieri tax-xmajjar u l-lagi, tal-Istati Membri;
   b) l-ajruporti tal-Istati Membri għal titjiriet interni;
   c) il-portijiet tal-baħar, tax-xmajjar u tal-lagi tal-Istati Membri għal kollegamenti regolari interni bil-*ferry*;

2) 'fruntieri esterni' tfisser il-fruntieri ta' l-art ta' l-Istati Membri, inklużi l-fruntieri tax-xmajjar u l-lagi, il-fruntieri marittimi u l-ajruporti, il-portijiet tax-xmajjar, tal-baħar u tal-lagi tagħhom, sakemm m'humiex fruntieri interni;

[...]"

6 L-Artikolu 5 tal-imsemmi kodiċi jipprovdi:

"1. Il-fruntieri esterni jistgħu jinqasmu biss minn punti ta' qsim tal-fruntiera u waqt il-ħinijiet tal-ftuħ stabbiliti. Il-ħinijiet tal-ftuħ għandhom ikunu indikati b'mod ċar fil-punti ta' qsim tal-fruntiera li mhumiex miftuħa għal 24 siegħa kuljum.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-lista ta' punti ta' qsim tal-fruntiera tagħhom lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 39.

[...]

3. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 jew għall-obbligi tagħhom ta' protezzjoni internazzjonali, l-Istati Membri għandhom jintroduċu penali, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, għall-qsim mhux awtorizzat ta' fruntieri esterni f'postijiet li mhumiex punti ta' qsim jew f'ħinijiet li mhumiex il-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi."

7 L-Artikolu 13(1) tal-istess Kodiċi jipprevedi:

"L-għan ewlieni tas-sorveljanza tal-fruntieri għandu jkun biex ma jitħalliex li jsir il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera, sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità transkonfinali u biex jittieħdu miżuri kontra persuni li jkunu qasmu l-fruntiera b'mod illegali. Persuna li tkun qasmet fruntiera illegalment u li m'għandha l-ebda dritt tibqa' fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiġi arrestata u ssir soġġetta għall-proċeduri li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE."

8 Skont l-Artikolu 14 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen:

"1. Ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax il-kondizzjonijiet ta' dħul kollha stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u li mhux wieħed mill-kategoriji ta' persuni msemmija fl-Artikolu 6(5) għandu jiġi mċaħħad milli jidħol fit-territorji tal-Istati Membri. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċjali dwar id-dritt tal-asil u l-protezzjoni internazzjonali jew il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn twil.

[...]

4. Il-gwardji tal-fruntieri għandhom jiżguraw li ċittadin ta' pajjiż terz li ġie miċħud lilu d-dħul ma jidħolx fit-territorju tal-Istat Membru konċernat.

[...]

6. Regoli dettaljati li jirregolaw id-dħul miċħud jingħataw fil-parti A tal-Anness V."

9 L-Artikolu 23 tal-imsemmi regolament, intitolat "Verifiki fit-territorju" jipprovdi:

"L-assenza tal-kontrolli fuq il-fruntieri fil-fruntieri interni m'għandhiex taffettwa:

a) l-eżerċizzju ta' setgħat ta' pulizija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri taħt il-liġi nazzjonali, safejn l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat ma jkollux effett ekwivalenti għal verifiki fuq il-fruntiera; dan japplika wkoll f'żoni tal-fruntiera. Fit-tifsira tal-ewwel sentenza, l-eżerċizzju ta' setgħat ta' pulizija ma jistax, b'mod partikolari, ikun ikkunsidrat ekwivalenti għall-eżerċizzju ta' kontrolli fuq il-fruntiera meta l-miżuri ta' pulizija:
   (i) ma jkollhomx bħala objettiv il-kontrolli fuq il-fruntiera;
   (ii) ikunu bbażati fuq informazzjoni u esperjenza ġenerali ta' pulizija dwar theddid possibbli għas-sigurtà pubblika u jkunu mmirati, b'mod partikolari, biex jiġġieldu l-kriminalità transkonfini;
   (iii) huma maħsuba u mwettqa b'mod li huwa differenti b'mod ċar minn verifiki sistematiċi fuq persuni fil-fruntieri esterni;
   (iv) huma mwettqa abbażi ta' verifiki saltwarji;

[...]"

10 L-Artikolu 25 tal-istess kodiċi jipprovdi li:

"1. Fejn, f'żona mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni jkun hemm theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fi Stat Membru, dak l-Istat Membru jista' eċċezzjonalment jerġa' jintroduċi l-kontrolli fuq il-fruntieri fil-partijiet kollha tal-fruntieri interni tiegħu jew f'partijiet speċifiċi tagħhom għal perijodu limitat ta' mhux aktar minn 30 jum jew għall-perijodu prevedibbli tat-theddida serja jekk il-perijodu jaqbeż it-30 jum. L-iskop u t-tul ta' żmien tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni m'għandux jaqbeż dak li hu strettament neċessarju b'risposta għat-theddida serja.

2. Il-kontrolli fuq il-fruntieri interni għandhom jiġu introdotti mill-ġdid biss bħala l-aħħar soluzzjoni, u f'konformità mal-Artikoli 27, 28 u 29. Il-kriterji msemmija, rispettivament, fl-Artikoli 26 u 30, għandhom jiġu kkunsidrati f'kull każ fejn tiġi kkunsidrata deċiżjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni skont l-Artikolu 27, 28 jew 29 rispettivament.

3. Jekk it-theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna fl-Istat Membru konċernat tippersisti lil hinn mill-perijodu previst fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dak l-Istat Membru jista' jestendi l-kontrolli fuq il-fruntieri interni tiegħu, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kriterji msemmija fl-Artikolu 26 u f'konformità mal-Artikolu 27, għall-istess raġunijiet bħal dawk imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u, filwaqt li jittieħed kont ta' kwalunkwe element ġdid, għal perijodi li jistgħu jiġġeddu ta' mhux aktar minn 30 jum.

4. Il-perijodu totali li matulu jiġu introdotti mill-ġdid il-kontrolli fuq il-fruntieri interni, inkluż kwalunkwe estensjoni skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, m'għandux jaqbeż is-sitt xhur. Fejn hemm ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawk imsemmija fl-Artikolu 29, dak il-perijodu totali jista' jiġi estiż għal żmien massimu ta' sentejn b'konformità mal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu."

11 L-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jipprevedi:

"Fejn jerġgħu jiġu introdotti kontrolli fuq il-fruntiera fil-fruntieri interni, id-dispożizzjonijiet rilevanti fit-Titolu II għandhom japplikaw *mutatis mutandis*."

12 L-Artikoli 5, 13 u 14 ta' dan il-kodiċi jiffurmaw parti mit-Titolu II tiegħu, intitolat "Fruntieri esterni", filwaqt li l-Artikoli 23, 25 u 32 tal-imsemmi kodiċi jiffurmaw parti mit-Titolu III tiegħu, intitolat "Fruntieri Interni".

13 Il-punt 2 tal-Parti A tal-Anness V tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jipprevedi:

"Jekk ċittadin ta' pajjiż terz, imċaħħad milli jidħol, ikun twassal fil-fruntiera minn trasportatur, l-awtorità lokalment responsabbli għandha:

a) tordna lit-trasportatur jinkariga ruħu miċ-ċittadin ta' pajjiż terz u jittrasportah mingħajr dewmien lejn il-pajjiż terz minn fejn ikun inġieb, lejn il-pajjiż terz li jkun ħareġ id-dokument li jawtorizzah jaqsam il-fruntiera, jew lejn kwalunkwe pajjiż terz ieħor fejn huwa ggarantit il-permess tad-dħul, jew li jsib mezz ta' tkomplija tat-trasportazzjoni skont l-Artikolu 26 tal-[KIFS] u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE [...]

b) sakemm titkompla t-trasportazzjoni, tieħu miżuri xierqa, skont il-liġi nazzjonali u wara li tqis iċ-ċirkostanzi lokali, biex ma tħallix li jidħlu illegalment iċ-ċittadini ta' pajjiż terz imċaħħda milli jidħlu."

*Id-Direttiva 2008/115*

14 Il-premessa 5 tad-Direttiva 2008/115 tipprovdi:

"Din id-Direttiva għandha tistabbilixxi sett ta' regoli orizzontali, applikabbli għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dħul, soġġorn jew residenza fi Stat Membru."

15 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

"1. Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju ta' Stat Membru.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

a) huma soġġetti għal ċaħda ta' dħul, skond l-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jew li jkunu arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li ma jkunux sussegwentement kisbu awtorizzazzjoni jew dritt biex joqogħdu f'dak l-Istat Membru;

b) huma soġġetti għal ritorn bħala sanzjoni tal-liġi kriminali jew bħala konsegwenza ta' sanzjoni tal-liġi kriminali, skond il-liġi nazzjonali jew li huma soġġetti għal proċeduri ta' estradizzjoni.

[…]"

16 Skont l-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva:

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

2) 'soġġorn illegali' tfisser il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew kondizzjonijiet oħrajn għal dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru;

3) 'ritorn' tfisser il-proċess tat-tluq lura ta' ċittadin ta' pajjiż terz - kemm jekk b'konformità volontarja ma' obbligu ta' ritorn kif ukoll jekk infurzat - għal:

– il-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew tagħha, jew

– pajjiż ta' transitu skond ftehim ta' riamissjoni Komunitarja jew bilaterali jew arranġamenti oħra, jew

– pajjiż terz ieħor, li għalih iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat volontarjament jiddeċiedi li jirritorna u li fih hu jew hi ser jiġi aċċettat;

[…]"

17 L-Artikolu 4(4) tal-istess direttiva jipprovdi:

"Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skond l-Artikolu 2(2)(a) l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li t-trattament tagħhom u l-livell ta' protezzjoni ma jkunx inqas favorevoli minn dak stabbilit fl-Artikolu 8(4) u (5) (limitazzjonijiet fuq l-użu ta' miżuri koerżivi), l-Artikolu 9(2)(a) (posponiment tat-tneħħija), l-Artikolu 14(1)(b) u (d) (kura tas-saħħa f'emerġenza u b'kont meħud tal-bżonnijiet ta' persuni vulnerabbli) u l-Artikoli 16 u 17 (kondizzjonijiet tad-detenzjoni) u

(b) jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement."

***Id-dritt Franċiż***

18 Skont l-Artikolu L. 621–2(1) u (2) tal-code de l'entrée et du séjour des étrangers et du droit d'asile (il-Kodiċi dwar id-Dħul u r-Residenza tal-Persuni Barranin u d-Dritt għall-Ażil), kif emendat bil-Liġi Nru 2012-1560 tal-31 ta' Diċembru 2012 (iktar 'il quddiem iċ-"Ceseda"):

"Hija punibbli b'piena ta' priġunerija ta' sena u b'multa ta' EUR 3 750 il-persuna barranija li ma tkunx ċittadina ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea:

1° Jekk tkun daħlet fit-territorju metropolitan mingħajr ma tkun issodisfat il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti a, b jew ċ tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [ĠU 2006, L 105, p. 1,] u mingħajr ma tkun ġiet ammessa fit-territorju skont il-punti a u ċ tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 5 ta' dan l-istess regolament; l-istess jgħodd meta l-persuna barranija tkun is-suġġett ta' allert għall-finijiet ta' nuqqas ta' ammissjoni b'applikazzjoni ta' deċiżjoni eżekuttiva meħuda minn Stat ieħor li huwa parti [għall-KIFS];

2° Jew jekk, bi provenjenza diretta mit-territorju ta' Stat li huwa parti minn din il-konvenzjoni, hija tkun daħlet fit-territorju metropolitan mingħajr ma tkun ikkonformat ruħha mar-rekwiżiti tal-Artikoli 19(1) jew (2), 20(1), u 21(1) jew (2) tagħha, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt e tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament [KE] Nru 562/2006 [...], u fil-punt d meta l-allert għall-finijiet ta' nuqqas ta' ammissjoni ma jirriżultax minn deċiżjoni eżekuttiva meħuda minn Stat ieħor li huwa parti [għall-KIFS];

[...]

Għall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, il-proċeduri kriminali jistgħu jinbdew biss meta l-fatti jkunu ġew ikkonstatati fiċ-ċirkustanzi previsti fl-Artikolu 53 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali."

19 L-Artikolu 53 tal-code de procédure pénale (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, Franza), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-Proċedura Kriminali"), jistabbilixxi:

"Huwa kklassifikat bħala delitt jew reat *in flagrante delicto* meta persuna tinqabad twettqu, jew meta jkun għadu kemm twettaq. Ikun hemm ukoll delitt jew reat *in flagrante delicto* meta, f'ħin viċin ħafna għall-azzjoni, il-persuna ssuspettata tkun segwita minn protesta qawwija mill-pubbliku, jew tinsab fil-pussess ta' oġġetti, jew turi traċċi jew indikazzjonijiet, li jagħtu x'tifhem li hija pparteċipat fid-delitt jew fir-reat.

Wara l-konstatazzjoni ta' delitt jew reat *in flagrante delicto*, l-investigazzjoni mmexxija taħt il-kontroll tal-prosekutur tar-Repubblika fil-kundizzjonijiet previsti f'dan il-kapitolu tista' titwettaq b'mod kontinwu matul perijodu ta' tmint ijiem.

Meta investigazzjonijiet neċessarji sabiex tiġi skoperta l-verità fir-rigward ta' delitt jew reat punibbli b'piena ikbar jew ugwali għal ħames snin priġunerija ma jkunux jistgħu jiġu ddifferiti, il-prosekutur tar-Repubblika jista' jiddeċiedi li l-investigazzjoni tiġi estiża, taħt l-istess kundizzjonijiet, għal tul massimu ta' tmint ijiem."

20 L-Artikolu 62-2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jistipula:

"Id-detenzjoni mill-pulizija hija miżura restrittiva deċiża minn uffiċjal tal-pulizija, taħt il-kontroll ta' awtorità ġudizzjarja, li permezz tagħha persuna li fir-rigward tagħha jkun hemm raġuni jew raġunijiet plawżibbli li jiġi ssuspettat li hija wettqet jew ippruvat twettaq delitt jew reat punibbli b'piena ta' priġunerija tinżamm għad-dispożizzjoni tal-investigaturi.

[...]"

21 L-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jipprevedi:

"L-uffiċjali tal-pulizija ġudizzjarja u, fuq l-ordni u taħt ir-responsabbiltà tagħhom, l-aġenti tal-pulizija ġudizzjarja u l-assistenti aġenti tal-pulizija ġudizzjarja msemmija fl-Artikoli 20 u 21-1 jistgħu jistiednu sabiex tiġġustifika, bi kwalunkwe mezz, mill-identità tagħha, kwalunkwe persuna li fil-konfront tagħha teżisti raġuni jew raġunijiet plawżibbli ta' suspett li:

– wettqet jew ipprovat twettaq ksur;

– jew kienet qegħda tipprepara sabiex twettaq delitt jew reat;

– jew hija suxxettibbli li tipprovdi informazzjoni utli għall-investigazzjoni f'każ ta' delitt jew reat;

– jew kisret l-obbligi jew il-projbizzjonijiet li hija suġġetta għalihom fil-kuntest ta' stħarriġ ġudizzjarju, miżura ta' arrest domiċiljari b'sorveljanza elettronika, piena jew miżura imposta mill-qorti b'applikazzjoni tal-pieni;

– jew li kienet is-suġġett ta' tiftix ordnat minn awtorità ġudizzjarja.

Fuq talbiet bil-miktub tal-prosekutur tar-Repubblika għall-finijiet tar-riċerka u għall-investigazzjoni ta' ksur speċifikat minnu, l-identità ta' kull persuna tista' wkoll tiġi kkontrollata, skont l-istess modalitajiet, fil-postijiet u għal perijodu ta' żmien determinati minn dan il-membru tal-ġudikatura. Il-fatt li l-kontroll tal-identità jiżvela ksur ieħor minbarra dak imsemmi fit-talbiet tal-prosekutur tar-Repubblika ma jikkostitwixxix kawża ta' nullità tal-proċeduri inċidentali.

L-identità ta' kwalunkwe persuna, ikun xi jkun l-aġir tagħha, tista' tiġi wkoll ikkontrollata, skont il-modalitajiet previsti fl-ewwel paragrafu, sabiex ikun hemm prevenzjoni ta' ksur kontra l-ordni pubbliku, b'mod partikolari għas-sigurtà tal-persuni jew tal-proprjetà.

F'żona bejn il-fruntiera tal-art ta' Franza mal-Istati parti [għall-KIFS] u linja mmarkata 20 kilometru mill-imsemmija fruntiera, kif ukoll fiż-żoni aċċessibbli għall-pubbliku ta' portijiet, ajruporti u stazzjonijiet tal-ferrovija jew rotot miftuħa għat-traffiku internazzjonali u indikati permezz ta' digriet, għall-prevenzjoni u għall-kxif ta' ksur marbut mal-kriminalità transkonfinali, l-identità ta' kwalunkwe persuna tista' wkoll tiġi kkontrollata, skont il-modalitajiet previsti fl-ewwel paragrafu, sabiex tiġi vverifikata l-osservanza tal-obbligi li jinżammu, jinġarru u jiġu ppreżentati t-titoli u d-dokumenti previsti mil-liġi. [...] Meta jkun hemm sezzjoni ta' awtostrada li tibda fiż-żona msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu u l-ewwel pedaġġ tal-awtostrada jinsab lil hinn mil-linja mmarkata ta' 20 kilometru, il-kontroll jista' jseħħ sa dan l-ewwel pedaġġ, fiż-żoni ta' parkeġġ jew fis-sit tal-pedaġġ jew iż-żoni ta' parkeġġ ħdejh. Il-pedaġġi li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni huma indikati permezz ta' digriet. Il-fatt li l-kontroll ta' identità juri ksur differenti minn dak tan-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi msemmija iktar 'il fuq ma jikkostitwixxix kawża ta' nullità tal-proċeduri inċidentali. Għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, il-kontroll li jinżammu, jinġarru u jiġu ppreżentati t-titoli u d-dokumenti previsti mil-liġi jista' jiġi eżerċitat biss għal tul li ma jeċċedix sitt sigħat konsekuttivi fl-istess post u ma jistax jikkonsisti f'kontroll sistematiku tal-persuni preżenti jew li jiċċaqilqu fiż-żoni jew postijiet imsemmija fl-istess paragrafu.

[…]”

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

22 Wara l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja, fi Franza, tal-kontroll fil-fruntieri interni komuni għal din tal-aħħar u għal Stati Membri oħra li huma parti miż-żona Schengen, f'konformità mal-Artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, A. Arib, ta' nazzjonalità Marokkina, ġie kkontrollat, fl-15 ta' Ġunju 2016, fiż-żona ta' bejn il-fruntiera ta' bejn Franza u Spanja u linja mmarkata sa 20 kilometru lil hinn minn din il-fruntiera, skont il-kundizzjonijiet previsti fid-disa' paragrafu tal-Artikolu 78–2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. A. Arib, li qabel kien telaq minn Franza wara miżura ta' tneħħija li kienet ġiet innotifikata lilu fl-10 ta' Awwissu 2013, kien jinsab abbord kowċ li kien ġej mill-Marokk.

23 Issuspettat li daħal illegalment fit-territorju Franċiż, reat previst fl-Artikolu L. 621–2 taċ-Ceseda, A. Arib tqiegħed taħt detenzjoni mill-pulizija. L-għada, il-Prefett tal-Pyrénées-Orientales adotta deċiżjoni kontra A. Arib li kienet timponi l-obbligu ta' tluq mit-territorju Franċiż u adotta fil-konfront tiegħu ordni dwar l-obbligu ta' tluq mit-territorju Franċiż u ordna t-tqegħid tiegħu taħt detenzjoni amministrattiva.

24 B'digriet tal-21 ta' Ġunju 2016, il-juge des libertés et de la détention du tribunal de grande instance de Perpignan (l-Imħallef tal-Libertajiet u tad-Detenzjoni tal-Qorti Reġjonali ta' Perpignan, Franza) iddeċieda li jannulla t-tqegħid taħt detenzjoni mill-pulizija ta' A. Arib u l-proċedura sussegwenti, inkluża d-detenzjoni amministrattiva tiegħu, għar-raġuni prinċipalment li l-imsemmija detenzjoni mill-pulizija ma setgħatx tiġi implimentata. Huwa rrileva, f'dan ir-rigward, li A. Arib, ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari, kien qasam fruntiera interna bejn Franza u Spanja, fatt li kellu, fil-fehma tiegħu, iwassal għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115, li tgħid li f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża ma tista' tiġi imposta ebda piena ta' priġunerija.

25 B'digriet tat-22 ta' Ġunju 2016, il-conseiller délégué près la cour d'appel de Montpellier (il-Konsulent Delegat tal-Qorti tal-Appell ta' Montpellier, Franza) ikkonferma d-deċiżjoni tal-ewwel istanza. Il-Prefett tal-Pyrénées-Orientales ressaq appell fil-kassazzjoni kontra dan id-digriet quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza) billi sostna, b'mod partikolari, li, f'każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna, Stat Membru jista' b'mod eċċezzjonali jerġa' jdaħħal kontrolli fil-fruntieri interni tiegħu, u b'dan il-mod titwarrab parzjalment l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115. Skont dan il-Prefett, peress li l-miżuri ta' protezzjoni previsti minn din id-direttiva ma jkunux, f'każ bħal dan, applikabbli, persuna li daħlet illegalment fi Franza tista' tiġi kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tad-disa' paragrafu tal-Artikolu 78–2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u, sa fejn tkun f'sitwazzjoni irregolari, tkun suġġetta għal piena ta' priġunerija, u għaldaqstant titqiegħed taħt detenzjoni mill-pulizija.

26 Il-qorti tar-rinviju tirrileva, minn naħa, li l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jistabbilixxi l-prinċipju ta' moviment liberu fi ħdan iż-żona Schengen u jipprevedi l-assenza ta' kontrolli fil-fruntieri interni bejn l-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, li, f'każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna ta' Stat Membru, dan tal-aħħar jista', madankollu, jerġa' jintroduċi eċċezzjonalment il-kontroll fil-fruntieri interni kollha tiegħu jew f'parti minnhom għal perijodu limitat, b'applikazzjoni tal-Artikolu 25 ta' dan il-kodiċi.

27 Din il-qorti ssostni wkoll li, skont l-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, meta jerġgħu jiġu introdotti kontrolli fil-fruntieri interni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu II ta' dan il-kodiċi, li jirrigwardaw il-fruntieri esterni. F'dan ir-rigward hija tenfasizza li skont l-Artikolu 5(3) tal-imsemmi kodiċi, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi f'każ ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni. Hija żżid li, skont l-Artikolu 13 tal-istess kodiċi, l-għan tas-sorveljanza ta' dawn il-fruntieri huwa li

jitwaqqaf il-qsim mhux awtorizzat tagħhom u li jittieħdu miżuri kontra persuni li qasmuhom b'mod illegali, b'tali mod li persuna li tkun qasmet fruntiera illegalment u li ma għandiex dritt ta' soġġorn fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat għandha tiġi arrestata u tkun is-suġġett ta' proċeduri li josservaw id-Direttiva 2008/115.

28 Skont il-qorti tar-rinviju, id-Direttiva 2008/115 teżiġi li l-Istati Membri jieħdu deċiżjoni ta' tneħħija kontra kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qed jissoġġorna b'mod irregolari fit-territorju tagħhom, u dan tal-aħħar jista' jinżamm f'detenzjoni biss sabiex jiġi ppreparat r-ritorn tiegħu jew sabiex titwettaq it-tneħħija tiegħu u sakemm l-ebda miżuri suffiċjenti, iżda inqas koersiva, ma tista' tiġi applikata b'mod effikaċi. Din il-qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum (C-47/15, EU:C:2016:408), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva 2008/115 tipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti, minħabba s-sempliċi fatt tad-dħul illegali minn fruntiera interna, li jwassal għal soġġorn illegali, il-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li fil-konfront tiegħu tkun għadha ma ntemmietx il-proċedura ta' ritorn stabbilita minn din id-direttiva.

29 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-Artikolu L. 621–2 taċ-Ceseda jissanzjona b'piena ta' priġunerija flimkien ma' multa d-dħul irregolari fit-territorju meta dan jiġi kkonstatat f'ċirkustanzi *flagrante delicto*.

30 Fid-dawl ta' din id-dispożizzjoni, din il-qorti tistaqsi, l-ewwel nett, jekk il-kontroll introdott mill-ġdid fi fruntiera interna ta' Stat Membru huwiex ekwiparabbli għal kontroll fi fruntiera esterna meta din tinqasam minn ċittadin ta' pajjiż terz, li ma jkollux dritt ta' dħul, meta l-kontroll isir *in flagrante delicto*.

31 Fil-każ ta' risposta affermattiva, skont l-imsemmija qorti għandhom, wara dan, jiġu ddeterminati l-modalitajiet ta' dan il-kontroll. F'dan ir-rigward, hija tirrileva, minn naħa, li l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 jippermetti li l-Istati Membri jkomplu japplikaw għall-fruntieri esterni tagħhom proċeduri ta' ritorn nazzjonali ssimplifikati, mingħajr ma jkollhom isegwu l-istadji kollha tal-proċedura prevista f'din id-Direttiva, sabiex ikunu jistgħu jkeċċu b'iktar ħeffa ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda waqt il-qsim ta' dawn il-fruntieri. Hija tenfasizza, min-naħa l-oħra, li l-Artikolu 4(4) tal-imsemmija direttiva jirregola l-eżerċizzju mill-Istati Membri tal-possibbiltà prevista fl-Artikolu 2(2)(a) tagħha, sa fejn l-Istati Membri għandhom josservaw ċerti garanziji minimi, fosthom, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni stabbiliti fl-Artikoli 16 u 17 tal-istess direttiva.

32 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, għalhekk, jekk Stat Membru li jkun reġa' daħħal il-kontrolli fil-fruntieri interni jistax jinvoka l-imsemmi Artikolu 2(2)(a) sabiex jevita l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115 fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jaqsam l-imsemmija fruntiera b'mod irregolari u li jkun għadu ma ssoġġornax fit-territorju nazzjonali.

33 Fil-każ ta' risposta affermattiva, tqum fl-aħħar nett il-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 2008/115 għandux jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix il-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi, fiċ-ċirkustanzi fattwali ta' din il-kawża.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Cour de cassation (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 32 [tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen], li jipprevedi li, meta l-kontrolli fuq il-fruntiera jiġu introdotti mill-ġdid fil-fruntieri interni, id-dispożizzjonijiet rilevanti fit-Titolu II (fil-fruntiera esterna tagħhom) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kontrolli introdotti mill-ġdid fil-fruntiera interna ta' Stat Membru huma komparabbli mal-kontroll imwettaq fil-fruntiera esterna, meta jsir qsim minn ċittadin ta' pajjiż terz, mingħajr id-dritt tad-dħul?

2) Fl-istess ċirkustanzi għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontroll fil-fruntiera interna, dan [il-kodiċi] u d-Direttiva 2008/115 […] jistgħu jiġu applikati għas-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li jaqsam fruntiera fejn il-kontroll ġie introdott mill-ġdid, il-fakultà prevista fl-Artikolu 2(2)(a) [ta' din id]-direttiva, li jiftaħ għall-Istati Membri l-possibbiltà li jkomplu japplikaw il-proċeduri nazzjonali ta' ritorn issemplifikati fil-fruntieri tagħhom?

3) F'każ ta' risposta affermattiva għal din l-aħħar domanda, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(2)(a) u tal-Artikolu 4(4) [tal-imsemmija] direttiva jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħalma huwa l-Artikolu L. 621-2 [taċ-Ceseda], li tistabilixxi piena ta' priġunerija għall-illegalità tad-dħul fit-territorju nazzjonali ta' ċittadin ta' pajjiż terz li għalih il-proċedura ta' ritorn stabbilita [mill-istess] direttiva ma tkunx waslet fi tmiemha?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel u t-tieni domandi*

35 Permezz tal-ewwel u tat-tieni domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, moqri flimkien mal-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika għas-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, arrestat fil-viċinanza immedjata ta' fruntiera interna ta' Stat Membru, meta dan l-Istat Membru jkun introduċa mill-ġdid, skont l-Artikolu 25 ta' dan il-kodiċi, il-kontrolli f'din il-fruntiera, minħabba theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-imsemmi Stat Membru.

36 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li, kif ġie indikat fil-punti 22 u 23 ta' din is-sentenza, A. Arib, ta' nazzjonalità Marokkina, ma kienx is-suġġett ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul fit-territorju Franċiż, iżda ġie kkontrollat, mill-awtoritajiet Franċiżi, fil-viċinanza immedjata tal-fruntiera bejn Franza u Spanja, wara li l-kontrolli f'din il-fruntiera ġew introdotti mill-ġdid abbażi tal-Artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u tqiegħed taħt detenzjoni mill-pulizija, wara dan il-kontroll, peress li kien issuspettat li wettaq id-delitt, previst fl-Artikolu L. 621–2 taċ-Ceseda, li jikkonsisti fid-dħul b'mod irregolari fit-territorju Franċiż.

37 Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li kemm mid-definizzjoni tal-kunċett ta' "soġġorn illegali" li jinsab fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2008/115, kif ukoll mill-premessa 5 ta' din id-direttiva, li skontha din hija applikabbli "għaċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' dħul, soġġorn jew residenza", jirriżulta li ċittadin ta' stat terz li, wara d-dħul irregolari tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru, huwa preżenti f'dan it-territorji mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza jkun jinsab, minħabba dan il-fatt, f'soġġorn irregolari, mingħajr ma din il-preżenza tkun suġġetta għal kundizzjoni ta' perijodu minimu jew ta' intenzjoni li wieħed jibqa' f'dan it-territorju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punti 48 u 59).

38 Ċittadin ta' pajjiż terz li, bħal A. Arib, wara li daħal b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru, jinqabad fit-territorju ta' dan l-Istat Membru fil-viċinanza immedjata ta' waħda mill-fruntieri interni tiegħu, mingħajr ma jissodisfa l-kundizzjonijiet għad-dħul, għas-soġġorn jew għar-residenza f'dan it-territorju għandu, għalhekk, jitqies bħala li jissoġġorna b'mod irregolari fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru.

39 Ċittadin ta' pajjiż terz f'tali sitwazzjoni jaqa', skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2008/115, u bla ħsara għall-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar. Għalhekk, huwa għandu, bħala prinċipju, jiġi suġġett għall-istandards u għall-proċeduri komuni previsti minnha għat-tneħħija tiegħu, u dan sakemm ir-residenza ma tkunx, skont il-każ, irregolarizzata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punt 61).

40 F'dan ir-rigward, it-tieni nett, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, din id-direttiva ma tipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti l-priġunerija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li fir-rigward tiegħu ġiet applikata l-proċedura ta' ritorn stabbilita mill-istess direttiva u li jissoġġorna irregolarment fit-territorju ta' dan l-Istat Membru mingħajr raġuni ġġustifikata għan-nuqqas ta' ritorn tiegħu, jew li daħal mill-ġdid fit-territorju ta' dan l-Istat bi ksur ta' projbizzjoni ta' dħul (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punti 54 u 64).

41 Madankollu, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja u mit-tweġibiet mogħtija waqt is-seduta għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li a. Arib ma jinsab fl-ebda waħda miż-żewġ sitwazzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti.

42 Għandu jiġi rrilevat, it-tielet nett, li l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 jippermetti li l-Istati Membri ma japplikawx din tal-aħħar, bla ħsara għar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 4(4) tagħha, f'żewġ sitwazzjonijiet speċifiċi, jiġifieri dik ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-suġġett ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul fi fruntiera esterna ta' Stat Membru, skont l-Artikolu 14 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jew dik ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu arrestati jew jinqabdu meta jaqsmu tali fruntiera esterna b'mod irregolari u li ma jkunux sussegwentement kisbu l-awtorizzazzjoni jew id-dritt li jissoġġornaw fl-imsemmi Stat Membru.

43 Kif ġie espost fil-punt 36 ta' din is-sentenza, A. Arib ma kienx is-suġġett ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul fit-territorju Franċiż. Minn dan isegwi li huwa ma jistax, fi kwalunkwe każ, ikun kopert mill-ewwel waħda miż-żewġ sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115.

44 Għalhekk, għandu jiġi stabbilit jekk ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru u li ġie arrestat fil-viċinanza immedjata ta' fruntiera interna ta' dan l-Istat Membru huwiex kopert mit-tieni sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, meta l-Istat Membru kkonċernat ikun introduċa mill-ġdid il-kontrolli f'din il-fruntiera minħabba theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-imsemmi Stat Membru, b'mod konformi mal-Artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iż-żewġ sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, jirrigwardaw biss il-qsim ta' fruntiera esterna ta' Stat Membru, kif iddefinita fl-Artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u għalhekk ma jirrigwardawx il-qsim ta' fruntiera komuni ma Stati Membri li jagħmlu parti miż-żona Schengen (sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punt 69).

46 B'mod iktar speċifiku, it-tieni waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 timplika rabta diretta fiż-żmien u fl-ispazju bejn l-arrest jew il-qbid taċ-ċittadin ta' pajjiż terz u l-qsim ta' fruntiera esterna. Għalhekk huma kkonċernati ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew arrestati jew maqbuda mill-awtoritajiet kompetenti fil-mument stess tal-qsim irregolari ta' fruntiera esterna jew wara dan il-qsim fil-viċinanza ta' din il-fruntiera (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punt 72).

47 Għalhekk, l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix li l-Istati Membri jeskludu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissoġġornaw b'mod irregolari mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva minħabba d-dħul irregolari tagħhom minn fruntiera interna (sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punti 69 u 77).

48 Madankollu, għandu jiġi ddeterminat, fit-tieni lok, jekk il-fatt li Stat Membru reġa daħħal kontrolli fil-fruntieri interni tiegħu b'mod konformi mal-Artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jistax iwaqqa taħt l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 is-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li jissoġġorna b'mod irregolari fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u li nqabad fil-viċinanza ta' tali fruntiera interna.

49 L-Artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jawtorizza, b'mod eċċezzjonali u taħt ċerti kundizzjonijiet, lil Stat Membru jerġa' jintroduċi temporanjament kontroll fil-fruntieri fil-partijiet kollha jew f'partijiet speċifiċi tal-fruntieri interni tiegħu f'każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna ta' dan l-Istat Membru. Skont l-Artikolu 32 ta' dan il-kodiċi, meta jerġgħu jiġu introdotti kontrolli fil-fruntieri interni, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-imsemmi kodiċi japplikaw *mutatis mutandis*.

50 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat, l-ewwel nett, li, inkwantu deroga mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115, l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 2(2)(a) tagħha għandha tiġi interpretata b'mod strett.

51 Issa, hekk kif diġà jirriżulta mill-punti 45 u 47 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni tirrigwarda, skont il-formulazzjoni rispettiva tagħha li ma hijiex ambigwa f'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab fi "fruntiera esterna" ta' Stat Membru jew fil-viċinanza immedjata ta' tali fruntiera esterna. Għalhekk, imkien ma jissemma l-fatt li tista' tiġi assimilata għal tali sitwazzjoni s-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab fi fruntiera interna fejn reġgħu ġew introdotti kontrolli, abbażi tal-Artikolu 25 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, jew fil-viċinanza immedjata ta' tali fruntiera interna, minkejja li, fid-data tal-adozzjoni ta' din id-direttiva, l-Artikoli 23 u 28 tar-Regolament Nru 562/2006 kienu diġà jipprevedu, minn naħa, li l-Istati Membri setgħu jintroduċu mill-ġdid, b'mod eċċezzjonali, kontroll fil-fruntieri interni tagħhom f'każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tagħhom u, min-naħa l-oħra, li, f'tali każ, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament dwar il-fruntieri esterni japplikaw *mutatis mutandis*.

52 Fir-rigward, it-tieni nett, tal-għan imfittex bl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li dan jikkonsisti fil-fatt li l-Istati Membri, fiż-żewġ sitwazzjonijiet indikati f'din id-dispożizzjoni, jitħallew ikomplu japplikaw għall-fruntieri esterni tagħhom proċeduri ta' ritorn ssemplifikati, mingħajr ma jkollhom isegwu l-istadji proċedurali kollha previsti minn din id-direttiva, sabiex ikunu jistgħu jneħħu malajr kemm jista' jkun liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda waqt il-qsim ta' tali fruntiera (sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punt 74).

53 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 jittratta b'mod identiku l-qbid jew l-arrest fil-viċinanza immedjata ta' fruntiera esterna ta' Stat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 13 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul, fis-sens tal-Artikolu 14 ta' dan il-kodiċi.

54 Fil-fatt, għalkemm, kif ikkonfermat fl-Artikolu 14(4) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' dħul fit-territorju taż-żona Schengen għandha l-għan li tevita li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li fil-konfront tiegħu tkun ġiet adottata jidħol f'dak it-territorju, l-arrest jew il-qbid ta' tali ċittadin, li jissoġġorna b'mod irregolari, meta jaqsam il-fruntiera esterna jew fil-viċinanza immedjata ta' dik il-fruntiera, jippermetti wkoll li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jieħdu faċilment u malajr, skont il-post fejn dan iċ-ċittadin inqabad, il-miżuri xierqa sabiex jiġi evitat li huwa jibqa fl-imsemmi territorju, billi jintbagħat lura immedjatament lejn il-fruntiera esterna li huwa qasam irregolarment.

55 F'tali ċirkustanzi, kkaratterizzati, b'mod partikolari, mill-viċinanza ta' fruntiera esterna, jista' jkun iġġustifikat li Stat Membru jiġi awtorizzat ma jsegwix l-istadji kollha tal-proċedura prevista mid-Direttiva 2008/115, sabiex jitħaffef ir-ritorn lejn pajjiż terz ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jissoġġornaw b'mod irregolari fit-territorju tiegħu.

56 Min-naħa l-oħra, is-sempliċi introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni ta' Stat Membru ma għandhiex bħala konsegwenza li ċittadin ta' pajjiż terz, li qed jissoġġorna b'mod irregolari u li nqabad meta qasam din il-fruntiera jew fil-viċinanza immedjata tagħha, ikun jista' jitneħħa b'iktar ħeffa jew faċilment mit-territorju ta' Schengen, billi jittieħed immedjatament lejn fruntiera esterna, milli kieku nqabad, waqt kontroll tal-pulizija, fis-sens tal-Artikolu 23(a) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, fl-istess post, mingħajr ma jkunu reġgħu ġew introdotti kontrolli fl-imsemmija fruntieri.

57 Kuntrarjament għal dak li sostna, essenzjalment, il-Gvern Ġermaniż, tali konklużjoni ma hijiex ikkontestata mit-teħid inkunsiderazzjoni tal-obbligi imposti fuq it-trasportaturi, abbażi tal-punt 2 tal-Parti A tal-Anness V tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u tal-Artikolu 26 tal-KIFS.

58 Fil-fatt, anki jekk jitqies li tali obbligi għandhom japplikaw ukoll, abbażi tal-Artikolu 32 tal-imsemmi kodiċi, meta jkunu reġgħu ġew introdotti kontrolli fil-fruntieri interni, għandu madankollu jiġi rrilevat li l-konsegwenza tal-punt 2 tal-Parti A tal-Anness V tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u tal-Artikolu 26 tal-KIFS hija li timponi fuq it-trasportaturi l-obbligu li jieħdu lura liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li huma jkunu qed jittrasportaw biss meta d-dħul fil-fruntiera huwa rrifjutat lil dan tal-aħħar, u mhux meta, bħal A. Arib, dan iċ-ċittadin jiġi miżmum jew jinqabad wara li qasam l-imsemmija fruntiera b'mod irregolari.

59 Minn dan isegwi li, fid-dawl tal-għan imfittex mill-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, ma hemmx lok li s-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna b'mod irregolari u li nqabad fil-viċinanza immedjata ta' fruntiera interna tiġi trattata b'mod differenti skont jekk ikunux jew ma jkunux reġgħu ġew introdotti kontrolli fil-fruntiera.

60 It-tielet nett, il-ħtieġa ta' interpretazzjoni restrittiva tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 hija kkonfermata wkoll minn analiżi tal-kuntest li minnu tifforma parti din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, minn qari sistematiku tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

61 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li minn dan il-kodiċi jirriżulta li fruntiera interna fejn ikunu reġgħu ġew introdotti kontrolli minn Stat Membru abbażi tal-Artikolu 25 tal-imsemmi kodiċi ma hijiex ekwiparabbli għal fruntiera esterna, fis-sens tal-istess kodiċi.

62 Fil-fatt, skont l-Artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, il-kunċetti ta' "fruntieri interni" u ta' "fruntieri esterni" jeskludu lil xulxin. Issa, l-Artikolu 32 ta' dan il-kodiċi jipprovdi biss li, meta Stat Membru jerġa jintroduċi kontrolli fil-fruntieri interni, huma biss dawk id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi kodiċi li jirrigwardaw il-fruntieri esterni li huma rilevanti li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Min-naħa l-oħra, l-imsemmi Artikolu 32 ma jipprevedix, kif essenzjalment osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 52 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, f'tali każ, jiġi applikat l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115. Il-kliem innifsu tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jipprekludi, għaldaqstant, li, għall-finijiet ta' din id-direttiva, fruntiera interna fejn ikunu reġgħu ġew introdotti kontrolli abbażi tal-Artikolu 25 ta' dan il-kodiċi tiġi trattata bħala fruntiera esterna.

63 Sussegwentement, huwa minnu, kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, li l-Artikolu 5(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jintroduċu, fil-każ ta' qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni f'postijiet li ma humiex punti ta' qsim tal-fruntieri jew barra mill-ħinijiet ta' ftuħ stabbiliti, sanzjonijiet li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

64 Madankollu, u indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk din id-dispożizzjoni tikkostitwixxix dispożizzjoni rilevanti fis-sens tal-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, applikabbli, *mutatis mutandis*, f'każ ta' introduzzjoni mill-ġdid minn Stat Membru ta' kontroll fil-fruntieri interni tiegħu, għandu, f'kull każ, jiġi osservat li l-imsemmija dispożizzjoni bl-ebda mod ma hija intiża li tidderoga mill-istandards u mill-proċeduri komuni stabbiliti mid-Direttiva 2008/115, kif dan huwa barra minn hekk espressament ikkonfermat fl-Artikolu 13(1) tal-imsemmi kodiċi, li jipprovdi li għandhom jittieħdu miżuri kontra persuna li tkun qasmet illegalment fruntiera esterna u li, jekk din il-persuna

ma għandhiex id-dritt li tissoġġorna fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, hija għandha tinqabad u tiġi suġġetta għal proċeduri li josservaw id-Direttiva 2008/115 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punt 90).

65 L-Artikolu 13(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen huwa għalhekk intiż li jispeċifika r-relazzjoni bejn is-sorveljanza tal-fruntieri u l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' ritorn previsti mid-Direttiva 2008/115 (sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, Jafari, C-646/16, EU:C:2017:586, punt 69). Minn dan isegwi li l-miżuri adottati mill-Istati Membri, b'mod partikolari skont l-Artikolu 5(3) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sorveljanza fil-fruntieri, ma jistax ikollha l-effett li timmodifika l-obbligi tal-Istati Membri li jirriżultaw minn din id-direttiva.

66 Fl-aħħar nett, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2008/115 ma teskludix il-possibbiltà li l-Istati Membri jissanzjonaw b'piena ta' priġunerija t-twettiq ta' delitti oħra differenti minn dawk marbuta mal-fatt biss ta' dħul irregolari, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn il-proċedura ta' ritorn stabbilita minn din id-direttiva tkun għadha ma ġietx ikkompletata (sentenza tas-7 ta' Ġunju 2016, Affum, C-47/15, EU:C:2016:408, punt 65). Għaldaqstant, l-imsemmija direttiva lanqas ma tipprekludi l-arrest jew t-tqiegħed taħt detenzjoni mill-pulizija ta' ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna b'mod irregolari meta tali miżuri huma adottati minħabba li l-imsemmi ċittadin ikun issuspettat li wettaq delitt ieħor għajr is-sempliċi dħul irregolari tiegħu fit-territorju nazzjonali, u b'mod partikolari delitt li jista' jhedded l-ordni pubbliku jew is-sigurtà interna tal-Istat Membru kkonċernat.

67 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li hemm lok li r-risposta għall-ewwel u għat-tieni domandi tkun li l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, moqri flimkien mal-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għas-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, arrestat fil-viċinanza immedjata ta' fruntiera interna u li jissoġġorna b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru, anki meta dan l-Istat Membru introduċa mill-ġdid, abbażi tal-Artikolu 25 ta' dan il-kodiċi, il-kontrolli f'din il-fruntiera, minħabba theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-imsemmi Stat Membru.

### *Fuq it-tielet domanda*

68 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel u għat-tieni domandi, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tielet domanda.

### Fuq l-ispejjeż

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, moqri flimkien mal-Artikolu 32 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għas-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, arrestat fil-viċinanza immedjata ta' fruntiera interna u li jissoġġorna b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru, anki meta dan l-Istat Membru jkun**

**introduċa mill-ġdid, abbażi tal-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament, il-kontrolli f'din il-fruntiera, minħabba theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-imsemmi Stat Membru.**

Firem